MALTA

# QORTI KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF MICHAEL MALLIA

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2013

Numru 12/2013

Att ta' Akkuza numru 12/2013

Ir-Repubblika ta' Malta

kontra

Alexandre Amador Pais

Illum 30 ta' Ottubru, 2013,

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza numru 12 tas-sena 2013 migjuba kontra l-akkuzat Alexandre Amador Pais detentur tal-karta tal-identita Portugiza bin-numru 13704084 li bih huwa gie akkuzat talli:
Wara illi l-Avukat Generali fl-ewwel Kap ippremetta illi fit-tlieta u ghoxrin (23) jum mix- xhar ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil–jiem ta` qabel din id-data Alexandre Amador Pais iddecieda xjentement li jibda

jittraffika u jesporta illegalment id-droga kokajina f`Malta u dan bi ftehim ma haddiehor.

Illi fid-data hawn fuq indikata l- akkuzat Alexandre Amador Pais assocja ruhu u ftiehem ma` persuni ohra bl–isem ta` Mute u Thomas sabiex tigi ttrafikata u esportata minn Spanja ghal gewwa l-Gzejjer ta` Malta kwantita ta` droga kokajina. L-akkuzat ftiehem ma` Mute u Thomas dwar il–mezz ta` transport li kellu juza biex jimporta f`Malta din id-droga (titjira bl-ajru minn Madrid ghal Malta), dwar il-mod kif din id-droga kellha tingarr u tigi importata gewwa Malta u cioe`f`kapsoli mohbija f`gisem l- akkuzat kif ukoll dwar kemm l- akkuzat kien se jithallas ta` din il- bicca xoghol illecita (1,500 Ewro). Alexandre Amador Pais ftiehem u ippjana ma` Mute u Thomas li malli jasal Malta kellu jmur jirrisjedi temporanjament f`lukanda imbaghad l-akkuzat kellu jikkonsenja dan l–ammont ta` droga kokajina lil terza persuna sabiex din id-droga tigi eventwalment mibjugha u ttraffikata gewwa Malta.

In ezekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, fit-23 ta` Ottubru 2012 l–akkuzat iltaqa ma` Thomas gewwa Madrid u hemm l–akkuzat iddecieda li jinserixxi u fil–fatt inserixxa f`gismu erbgha u erbghin (44) kapsola mimlija bid-droga kokajina. Wara, l-akkuzat qabad titjira tar-Ryanair minn Madrid ghal-Malta u f`din id-data l–akkuzat wasal Malta u kellu f`gismu xjentement u illegalment erbgha u erbghin (44) kapsola mimlija bid- droga kokajina (total ta` 428.91 grammi). Mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill-pulizija. Eventwalment, irrizulta li l-akkuzat kien qed igorr f`gismu erbgha u erbghin kapsola mimlija b` 428.91 grammi droga kokajina b`purita` ta` cirka 36%.

Alexandre Amador Pais ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il–medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Alexandre Amador Pais sar hati talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibiegh jew jittraffika id-droga kokajina, kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanzja din l-assoċazzjoni.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmija Alexandre Amador Pais ħati talli assoċja ruħu ma' persuni oħra f'Malta u ma' persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga kokajina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni; jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2,9, 10(1), 12, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-Avukat Generali fit-tieni Kap ippremetta illi fl-istess zmien u ċirkostanzi kif imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe` fit-tlieta u ghoxrin (23) jum ta` Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) u fil–jiem ta` qabel, Alexandre Amador Pais in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u certu Mute u Thomas iddecieda li jesporta minn Madrid, Spanja ammont ta` droga kokajina sabiex din tigi importata f`Malta. In ezekuzzjoni ta` dan il- pjan mahsub minn qabel, fit- 23 ta` Ottubru 2012 l–akkuzat iltaqa ma` Thomas gewwa Madrid u hemm hekk l–akkuzat iddecieda li jinserixxi u fil–fatt inserixxa f`gismu erbgha u erbghin (44) kapsola mimlija bid-droga kokajina bl- iskop li

din id-droga tigi importata u eventwalment ittraffikata f`Malta.

Fit- 23 ta` Ottubru 2012 l-akkuzat qabad titjira tar-Ryanair minn Madrid ghal Malta. F`din id-data l–akkuzat wasal Malta u kellu f`gismu xjentement u illegalment erbgha u erbghin kapsola mimlija bid- droga kokajina. Mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferew il-kaz lill- Pulizija. Eventwalment, irrizulta li Alexandre Amador Pais kien qed igorr f`gismu erbgha u erbghin kapsola mimlija b`total ta` 428.91 gramma droga kokajina b`purita` ta` cirka 36%. Ghalhekk l-akkuzat xjentement u illegalment importa` f`Malta d-droga kokajina.

Alexandre Amador Pais ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il–medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta’ l-Ewwel Skeda li tinsab ma’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Alexandre Amador Pais sar hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Alexandre Amador Pais hati talli importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista’ tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta’ importazzjoni valida. Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomru u multa ta’ mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax

il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d), 22A, 24 u 26 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghal-htija ta' l-imsemmi akkuzat.

Wara illi l-Avukat Generali fit-tielet kap ippremetta illi fit-23 ta' Ottubru 2012 u fil- jiem ta` qabel, l-akkuzat Alexandre Amador Pais in eżekuzzjoni tal-assoċjazzjoni ta' bejnu u certu Mute u Thomas iddecieda li jesporta minn Spanja ammont ta` droga kokajina sabiex din tigi importata f`Malta.

Fit- 23 ta` Ottubru 2012 l-akkuzat qabad titjira tar-Ryanair minn Madrid ghal Malta. F`din id-data l-akkuzat wasal Malta u kellu mohbija f`gismu xjentement u illegalment erbgha u erbghin (44) kapsola mimlija bid- droga kokajina. Fortunatament, mal–wasla tieghu f`Malta l–akkuzat gie intercettat minn ufficjali tad-Dwana gewwa l–Ajruport Internazzjonali ta` Malta li irreferewh lill- Pulizija. Eventwalment, irrizulta li l-akkuzat kien qed igorr 44 kapsola mimlija b` 428.91 grammi droga kokajina b`purita` ta` circa 36%. L-akkuzat kien ghalhekk fil- pussess xjenti u illegali ta` erbgha u erbghin kapsola mimlija bid-droga kokajina waqt li kien qieghed Malta f`tali cirkostanzi li juru li dan l-ammont ta` droga ma kienx ghal uzu esklussiv tieghu.

Alexandre Amador Pais ma kellu l–ebda awtorizzazzjoni sabiex ikollu fil –pussess tieghu jew li jimporta dawn il–medicini perikoluzi skond il- Ligi.

Id-droga kokajina hija msemmija fit-Taqsima I ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi.
Illi b'ghemilu l-imsemmi Alexandre Amador Pais sar hati talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma

kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Alexandre Amador Pais talli kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Jitlob illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi jigi kkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tliet mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu ((€2,329.37)) izda mhuz izjed minn mija u sittax il-elf u ħames mitt Euro ((€116,500.00) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull

flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 22(1)(a)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22(A), 24A, and 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghal-htija ta’ l-imsemmi akkuzat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat ir-rikors konguntiv tal-Avukat Generali u tal-akkuzat pprezentat fil-21 ta’ Ottubru, 2013 fejn iddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din il-Qorti illi fl-eventwalita’ li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Alexandre Amador Pais ghall-akkuzi migjuba kontrih skond l-Att ta’ Akkuza fl-ismijiet furq premessi, il-piena li ghanha tigi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun wahda ta’ prigunerija effettiva ghal perjodu ta’ (7) snin u sitt (6) xhur, flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000), u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta’ htija ai termini tal-Kapitoli 9 u 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, inkluz il-konfiska ta’ kwalunkwe flejjes u tal-propjeta’ mobbli u mmobbli appartenenti lill-istess akkuzat.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkuzat, mistoqsi jekk huwiex hati skond l-Att tal-Akkuza, wiegeb billi stqarr li huwa kien hati tar-reati hemm dedotti kontra tieghu;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ din it-twegiba w taghtu ftit taz-zmien biex jerga’ lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-akkuzat baqa’ jtenni t-twegiba li huwa kien hati.

Ghaldaqstant, tiddikjara lil Alexandre Amador Pais hati talli:

1. Assoċja ruħu ma’ persuni oħra f’Malta u ma’ persuni oħra barra minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika d-droga

kokajina f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta` l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organiżża jew iffinanżja din l-assoċazzjoni;

2. Importa, gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga biex tkun tista' tigi importata medicina perikoluza (kokajina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u cioè meta ma kellux awtorizzazzjoni ta' importazzjoni valida.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni id-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha u ma kienx awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi jew b'xi awtorità moghtija mill-Ministru responsabbli ghad-Dipartiment tas-Sahha li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu, u dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

Ikkonsidrat;

Qieset l-ammissjoni qabel ma gie iffurmat il-guri, li pero' ma tistax tissejjah wahda bikrija ghaliex la saret mal-prezentata b'arrest tal-hati, u lanqas saret waqt il-kumpilazzjoni.

Il-gurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fir-rigward tal-piena inflitta meta persuna tghamel ammissjoni bikrija senjatament "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**" [24.2.1997] (Qorti Kriminali); "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali); "**Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa"** [17.7.2002] (Qorti ta' l-Appell Kriminali) kif ukoll il

**BLACKSTONE’S CRIMINAL PRACTICE** (Blackstone Press Limited 2001 edit) ;

Din il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz partikolari ghandha taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skond l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali u ghaldaqstant, wara li rat l-artikoli 2,9, 10(1), 12, 14, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(a)(b)(c)(d)(7), 22A, 24 u 26 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta’ l-1939 ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi u fl-artikoli 17, 23, 23A, 23B, 23C u 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil hati Alexandre Amador Pais ghal piena ta’ prigunerija effettiva ghal perjodu ta’ (7) snin u sitt (6) xhur, flimkien ma’ multa ta’ tlieta u ghoxrin elf Euro (€23,000), kif ukoll li jhallas is-somma ta’ seba’ mija u tmintax il- euro u tnejn u tmenin centezmu (€718,82) rapprezentanti l-ispejjez tal-perizji inkorsi f’dan il-process, u dan a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali;

Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hati;

Tordna wkoll li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Finalment, sakemm l-Avukat Generali ma jindikax b’nota - li ghandha tigi prezentata fi zmien hmistax il-jum mil-lum - li d-droga esebita hija mehtiega in konnessjoni ma xi proceduri kriminali kontra terzi persuni, tordna li d-droga kollha esebita w l-affarijiet li ghandhom x’jaqsmu maghha jigu distrutti a kura tal-Assitent Registratur u taht is-sorveljanza diretta tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti, li ghandu jaghmel verbal ta’ tali distruzzjoni w jgibu a konjizzjoni ta’ din il-Qorti b’nota appozita li kopja taghha tigi notifikata lill-Avukat Generali w lill-hati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------